MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Numru 363/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Gordon Pace**

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Gordon Pace ta’ 60 sena, bin missier mhux magħruf u Carmela nee’ Agius mwieled il-Floriana fit-28 ta’ Mejju 1945 residenti fl-Indirizz 39 Triq is-Suq Floriana, Detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru ID 1083245 (M)

Akkużat talli:

a) Fit-8 t’Ottubru 2005 u fiż-żminijiet ta’ qabel, f’Tas-Slieam u fi bandi oħra f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b’riżoluzzjoni

waħda rċieva jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta’ xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal ħadd ieħor bil-għan li jseċerċita influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif teddiċiedi xi persuna msemmija fl-artikoli 112 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor. [1]

b) Talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkustanzi, b’mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħasddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta’ Lm1000 bi ħsara ta’ Carmel Bugeja.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsens tal-avukat ġenerali u ta’ l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tiegħu u l-istqarrija magħmula mill-imputat.

Semgħet il-provi bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur, tal-abbli parte ċivili kif ukoll tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Skond il-prosekuzzjoni l-imputat kien ltaqa’ ma certu Carmel Bugeja ġewwa Ta’ Sliema. L-imputat kien ta’ x’jifhem lil Carmel Bugeja illi hu jaħdem f’Ministeru mal-Gvern. U ssemma dak iż-żmien il-Ministru Ninu Żammit. Gordon Pace offrielu li jekk ikollu bżonn xi ħaġa jkun jista’ jgħinu. Carmel Bugeja kellu bżonn post għat-tifel tiegħu u kien saħansitra applika biex jieħu post tal-Gvern. L-imputat qallu li seta’ jgħinu u kien ser iġbilu kopja ta’ l-applikazzjoni. Erbat ijiem wara l-imputat kien qallu li kien

[1] Il-piena żdiedet wara d-data tar-reat u daħlet fis-seħħ fis-27 t’April 2007

jaf persuna li kellu c-cwievet għal post li kien aktarx għat-tifel tagħhom u l-imputat talab Lm500 għac-cavetta. Bugeja dak il-ħin qallu li malli jagħtih ic-cwievet jagħtih il-Lm500. Imma l-imputat qallu li min għandu c-cwievet ma jafdax peress li nsista li jieħu il-LM500 f'idejh u imbgħad jgħaddi c-cwievet. U hekk sar.

Għaddew xi ġranet u Gordon Pace talab Lm500 oħra lil Carmel Bugeja. Qallu li kellu bżonn dawn il-Lm500 biex ikomplu jimxu l-affarijiet u hu qallu li l-post ser jieħdu.

Kompla għaddej iż-żmien, reġgħu ltqagħu ta' Sliema u talbu Lm500 ohra. Hawn hekk ix-xhud beda jgħid li ma jistax joqgħod jagħtih Lm500 oħra għax hekk diġa ser ikun ħareġ Lm1500. Hawn hekk skond ma qal ix-xhud Bugeja, Gordon Pace qallu isma Lm1500 m'huma xejn għall-post li ser nagħtik għx jiswa' Lm60,000. U qallu jkun ħaqqni Lm6000.

Fuq talba ta' Gordon Pace kienet saret skrittura privata fejn deher is-Sur Bugeja qed jislef dawn l-LM1000 lil Gordon Pace u s-Sur Bugeja għamilha cara li ma kienx silef il-flus imma kien tahomlu.

L-Ispettur kien qal li kien rceva kwerela minghand il-parte civile.

Xehed PS 130 Ivan Cilia li qal li l-imputat kien qal li l-LM1000 illi ngħataw lilu kienu bħala self minkejja li Carmel Bugeja kien qal li lill-imputat kien tah LM1000 ghax wegħdu li jagħti post lit-tifel. L-imputat qal ukoll li kien lest li jrodd kollox lura iżda baqa' jinsisti li l-flus kienu bħala self. Il-kelma 'self' kienet tniżżlet fuq l-iskrittura minħabba insistenza ta' l-imputat stess (fol 14).

L-istqarrija ta' l-imputat

L-imputat qal li kellu bżonn jissellef xi flus u kien ssellef mingħand Carmel Bugeja. Carmel Bugeja lanqas biss ried imgħax u l-imputat rah raġel ħafna. Kien tahomlu

f'Ottubru 2005 u l-imputat qal li kien ser jagħtihomlu fi zmien tliet xhur. L-imputat qal li baqa' jtawwal huwa stess u sat-8 ta' April 2006 ma kien tah xejn. Kien ser jibda jagħtih Lm70 fix-xahar. Hu qal li kien ssellef Lm1000 maqusimin f'Lm500 u LM500. Huwa m'ammettiex illi dawn kellhom x'jaqsmu ma xi wegħda biex isib post lit-tifel ta' Carmel Bugeja.

Huwa nnega wkoll illi qalilhom li kien jaħdem ma xi Ministru u li kellu c-cwievet ta' xi post ġewwa l-Belt jew il-Furjana. Dwar il-karta li nkitbet, l-imputat qal illi Carmel Bugeja qallu biex jagħmel karta li sellfu l-flus. Hu qal li kien ltaqa' ma Carmel Bugeja Ta' Sliema u qal li kien lest li jħallsu jekk jagħtih ħmistax żmien.

Xehed Carmel Bugeja li qal li waqt li kien Ta' Sliema l-imputat kien jgħidilhom jekk għandkom bżonn xi ħaġa għiduli. Darba minnhom il-mara qaltlu li t-tifel qed joqgħod magħha u biex jara jsiblux xi post. L-imputat qal li kien jaħdem ma Ministru. Qalilhom li jsibilhom mija fil-mija. L-imputat kien qallu għamel bicca karta u għid li sellfithomli. Hu qallu imbgħad nagħtihomlok u responsabbli jiena. Wara xi ħmistax cempillu lix-xhud u qallu li kellu bżonn ikellmu. U talbu Lm500 ohra. U għamlu karta ta' LM1000. Hawn ix-xhud spjega li kien ġegħlu l-imputat jgħid li hu Carmel Bugeja qed isellfu l-flus.

Imbgħad talbu Lm5000 oħra u x-xhud qal li ma jistgħux joqgħodu sejrin hekk. L-imputat kien qal li jaħdem mal-Ministeru ta' Ninu Zammit u dwar il-post qal li kien hemm wieħed Bieb il-Belt u imbgħad semmielu post Pembroke. Fil-fatt l-imputat kien qallu jekk ma nagħtihx tal-Belt nagħtik ta' Pembroke. Ta' Pembroke ma tah ebda indirizz.

Ix-xhud qal li hu qatt ma jsellef flus. U dawn il-flus li kien għadda lill-imputat kienu biex jgħaddiehom lil xi ħadd. Iżda l-imputat qal li kien responsabbli hu. Hu qatt ma semma persuni oħrajn. Hu qatt ma qal li ser jistaqsi lill-Ministru. Hu kien jgħid li għandu flat f'idu u qal li għandu c-cwievet f'idu. Hu kien jgħid wkoll li kien jaf bniedem li kellu s-saħħa. Anke t-tieni darba qal li għandu bniedem li

għandu s-saħħa mingħajr ma qatt qal min kienet din il-persuna.

Ix-xhud iltaqa' ma l-imputat u kien jgħidlu issa nagħtihomlok ix-xahar id-dieħel u x-xahar ta' wara u sitt xhur oħra u baqgħu sejrin hekk.

Xehdet Josephine Bugeja li qalet li kienu jaraw lill-imputat Ta Sliema. U li dak iz-zmien kellha tifel joqghod maghha. Hi ħasbet li l-imputat seta' jgħinha. Imbgħad qal li kien jaf persuna li jkollu f'idejh c-cwievet u ried Lm500. Hu qal li riedhom biex jagħtihom lil din il-persuna li hi ma kinitx taf min hi. U l-għada tawh LM500. U kienu flimkien meta tawh il-flus. Huma kitbu karta li kienet tgħid li dawn il-Lm500 bħala self u għandu jagħtihomlha lura sa' l-aħħar ta' Jannar. Imbgħad reġgħu ltaqgħu Ta' Sliema u qal li kien sab bniedem biex jgħihom aħjar u ried Lm500 oħra (fol 28). U huma reġgħu tawhomlu. U għamlu karta li kienu tawh Lm1000 bħala self. Kienu niżżluh bħala self għax hekk kien qalilhom. Fil-fatt kien qal li jaħdem fil-Ministeru ta' Ninu Zammit imma hi qalet li kienet semgħet li ma kien veru xejn.

Ħdejn ix-xhud kien tbattal post u talbuh jekk jistax jinsisti għal u hu qalilhom li kien hemm ġo Pembroke. Imbgħad reġgħu ltaqgħu miegħu u ried Lm500 oħra u x-xhud u r-raġel tagħha ddecidew li mhux ser joqgħodu jagħtu LM500 iktar, specjalment meta indunaw li l-post ta' ħdejhom diġa kien hemm in-nies fih. L-imputat kien qalilhom illi għal post bħal dak kien hemm min jagħti Lm6000 u mhux Lm1500. It-tifel qatt ma kien preżenti f'dawn in-negozjati.

Xehed ukoll Pierre Bugeja li qal li l-imputat kien ltaqa' ma missieru. U lil missieru kien jgħidlu 'jiena b'saħħti'. Dan il-kliem sar meta t-tifel Pierre Bugeja kien preżenti. Ix-xhud qal li talab post tal-Gvern għax kien ser jiżżewweġ u lil missieru l-imputat kien qallu li jista' jgħinu. Kien qallu li jista' jgħinu basta jagħtuh Lm500 f'idu u tawh Lm500. It-tifel kien preżenti. It-tifel ra lill-misseri jagħti Lm500 lill-imputat. Xi ftit wara l-imputat reġa talab Lm500 oħra u kienu tawhomlu. U dejjem kien preżenti t-tifel. Pero meta

talabhom LM500 oħra ma kienux tawhomlu. Il-post qatt ma wasal għand it-tifel. Il-persuna l-oħra qatt ma ssemmiet b'isimha pero qal li kienet taħdem fil-Ministeru ta' Ninu Zammit. L-imputat kien jgħid lix-xhud li ser isiblu post jaħdem fil-Freeport. Saħansitra kien jgħidlu biex jitlaq mix-xogħol biex ikun jista' jirreġistra u jidħol f'certu postijiet. Pero l-imputat ma kienx waqaf mix-xogħol. Il-laqgħat kienu sew iżjed minn waħda. U hawn ssemma illi din il-laqgħa saret fid-dar ta' l-imputat ġewwa l-Furjana. Ta' l-inqas iltqagħu ma' l-imputat darbtejn ġewwa d-dar sabiex ikunu jistħgu jingħataw il-flus. Kienu jkunu hu u missieru u ommu.

Il-prosekuzzjoni għalqet il-provi fit-22 ta' Novembru 2008.

Xhieda difiża

Xehed l-imputat li qal li qabel għalaq il-61 hu ma kienx jaħdem. Kien ilu li għadda bord u kien jgħix bil-pensjoni. Dan l–aħħar kien l-Ingilterra għax kellu jagħmel operazzjoni serja. Hu nnega li s-sinjuri Bugeja kienu tawh Lm1000 għax kien wegħdhom li ser isibilhom post għat-tifel tagħhom. Hu qal Carmelo Bugeja kien silfu Lm1000 għal żmien tliet xhur. Kien tahomlu f'Ottubru 2005 u għamillu karta u ffirma li silfu Lm1000 sa' l-aħħar ta' Jannar 2006. Hu kien talbu l-flus u Carmelo Bugeja kien silifhomlu. Dan id-diskors kien sar Ta Sliema. Hu qal li kien ser jagħtihom Lm100 fix-xahar lura u 10% imgħax u dan ix-xhud pero kien qallu li riedhom f'daqqa u daqshekk. Imbgħad Carmelo Bugeja kien mar id-depot u għamel rapport.

Hu caħad li qatt kien impjegat f'xi Ministeru jew li kellu x'jaqsam mat-tqassim ta' xi postijiet tal-Housing. Hu baqa' jinnega li kien ħa xi flus mingħand Carmel Bugeja minħabba xi djar.

L-imputat kompla jgħid li l-Lm1000 kellu bżonnhom għad-dar u l-kitba li kienet saret kienet miktuba minn Carmel

Bugeja nnifsu u kien ffirmaha meta Carmel Bugeja kien mar mal-mara tiegħu id-dar ta' l-imputat.

Hu qal li din il-karta qegħda għand ix-xhieda Bugeja.

Fil-kontro eżami hu qal li siflu Lm5000 u imbgħad wara xi tliet ġimgħat kien talbu Lm500 oħra. Hu baqa' jinnega li qatt qal lis-Sur Bugeja li kien jaf xi nies fil-Ministeru. Hu nnega wkoll li kien qal lit-tifel li jagħmlu sinjur. Hu qal li t-tifel kien wasslu mill-Floriana għal Ta Sliema għax l-imputat ma jimxix u kien ikollu l-scooter Ta' Sliema u jirkeb fuqu u ta' dan kien jagħtih Lm3. Dan ma kienx kuljum imma darbtejn fil-ġimgħa. L-imputat nnega li t-tifel kien mar għandu. Hu nnega li qatt semma xi post Pembroke jew il-Belt. Hu qal ukoll li kien qalilhm li ried il-flus biex jirranġa d-dar.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-imputat ħa elf lira Maltija (€2340) minn għand i-sur Carmel Bugeja b'wegħda li l-imputat ser isib fond fejn joqgħod bin Carmel Bugeja.

L-imputat sostna li l-elf lira Maltija li kien ħa kienu b'self biex jirranġa d-dar.

Il-Qorti ma temminx lill-imputat u l-verżjoni tiegħu hija għal kollox inattendibbli. Il-Qorti kellha ċ-ċans tara lis-Sur Bugeja, lis-Sinjura Bugeja u lit-tifel tagħhom jixhdu u setgħet tiżen sew min kien qed jgħid il-verita'. Ma jagħmel ebda sens li dawn in-nies jivvintaw storja bħal din li kieku dan kien sempliċiment wieħed ta' self li ma kienx onorat.

Il-Qorti temmen li l-imputat wiegħed li ser isib post fejn joqgħod bin is-Sinjuri Bugeja u ta' dan talab il-flus għal darba, tnejn sabiex ikun jista' jinfluwixxi lil xi ħadd (imsemmi fl-artikoli 112 et tal-Kodiċi Kriminali) sabiex bin is-Sinjuri Bugeja jieħu post fejn ikun jista' joqgħod għal

rasu flok jibqa' mal-ġenituri tiegħu. Il-Qorti m'hi xejn konvinta mill-asserzjoni tal-imputat li hu qatt ma wiegħed xejn u li r-relazzjoni tiegħu ma' bin il-konjuġi Bugeja kienet biss li dan tal-aħħar darbtejn fil-ġimgħa jwasslu minn raħal għal ieħor.

Jirriżulta b'mod soddisfaċenti li l-imputat ta x'jifhem li hu qiegħed f'pożizzjoni tajba li jippresta ċerta favuri. Kienet din l-attitudni li pperswadiet lill-konjuġi Bugeja jemmnu fih u kien biss meta bdew jintebħu li ma ser isir xejn li ma afdawx jagħtuh aktar flus.

Il-Qorti tqis ukoll bħala verosimili li l-imputat insista li l-elf lira jidhru bħala 'self' ukoll jekk fil-verita' l-konjuġi Bugeja kienu tawh l-elf lira ħalli jakkwistalhom post għal binhom.

**L-ewwel Imputazzjoni**

L-ewwel imputazzjoni li l-Prosekuzzjoni tat kontra l-imputat hija dik li kienet miżjuda bl-Att III tas-sena 2002 bħala l-artikolu 121A (2) tal-Kap 9. Dan l-artikolu jgħid hekk:

***'(2) Kull min jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ għalih innifsu jew għal ħadd ieħor bil-għan li jseżerċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.'***

Isegwi li l-elementi ta' dan is-subartikolu huma dawn:

(a) Persuna tirċievi offerta;
(b) L-għan ta' din l-offerta jkun vantaġġ għalih jew għal xi ħadd ieħor;
(ċ) L-iskop wara l-offerta jkun sabiex il-persuna teżerċita influwenza mhux xierqa;
(d) Fuq il-mod kif teddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli 112 et.

Il-persuni msemmija **fl-artikoli preċedenti** huma:

(i) 112 uffiċjal jew impjegat pubbliku;
(ii)118 Membru tal-Kamra tad-Deputati
(iii)121 Ġurati; persuna li jkollha funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni ta' korp imwaqqaf b'liġi jew xi korp ieġor li jkollu personalita' ġuridika distinta; peruni li jkunu qed jaħdmu f'isem xi persuna naturali jew ġuridika lit kun qed taħdem fis-settur privat; uffiċjali pubbliċi ta' xi Stat barrani; impjegati ta' korp internazzjonali; membru tal-assemblea parlamentari ta' xi organizzazzjoni internazzjonali; membri, uffiċjail jew impjegati t; Kunsill Lokali;

Mill-provi jirriżultaw l-ewwel tliet elementi: (a) li l-imputat irċieva żewġ offerti; (b) li dawn kellhom iġibu vantaġġ għal xi ħadd ieħor; u (ċ) l-iskop kien sabiex l-imputat jeżerċita inflwuenza mhux xierqa.

Jibqa' nieqes ir-raba' element: fuq min kien ser jeżerċita din l-influwenza l-imputat. Fil-provi ix-xhieda mtellgħin mill-Prosekuzzjoni qatt ma semmewx nies b'mod preċiż u / jew il-karigi li dawn iħaddnu.

Meta saret mistoqsija diretta mill-Prosekuzzjoni u staqsiet jekk l-imputat kienx semma lit-tali persuna, ir-risposta tax-xhieda kienet fin-negattiv. Kulma għandha quddiemha l-Qorti huma espressjonijiet bħal dawn:

'Qalli għandi wieħed f'idi sod, qalli għandu ċ-ċwievet f'idu, hekk kien qalli.' (fol 22)

Il-konklużjoni tal-Qorti hija li l-imputat kien ħoloq storja u ta l-impressjoni li seta' jsolvi l-problema ħalli jdaħħal xi ħaġa fil-but. Iżda minn imkien ma jidher ippruvat li kellu li xi ħadd mill-persuni msemmijin fl-artikoli 112 (fis-Sub-Titolu IV intitolat 'Fuq l-Abbuż tal-Awtorita' Pubblika').

Dan ir-raba' element huwa *sine qua non* biex il-Qorti tista' tiddeċiedi li sar dan ir-reat.

Minħabba l-assenza ta' dan ir-raba' l-element, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Iżda mhux hekk dwar it-tieni imputazzjoni liema imputazzjoni hija dwar frodi b'għemil qarrieqi.

Skond il-ġurisprudenza tagħna

'Element essenzjali għall-ksotituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cjoe' dawk l-artifizi jew raġġiri idonei li jinduċu, u li effettivament ikunu induċew, lill-vittma fi żball – l-ingann – u b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew onqaos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligħ għall-aġent.

Il-Liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cjoe' li dawn l-artifizji jew raġġiri, jkunu xi ħaġa kkumplikata jew arkitetta b'ħafna pjanijiet; infatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifiżji jew raġġiri jistgħu jieħdu. …..

Element essenzjali ieħor tar-reat tat-truffa huwa t-telf patrimonjali li ġġarrab il-vittma bil-konsegwenti qligħ għall-aġent, liema telf u qligħ ikunu r-riżultat ta' xi ħaġa li tagħmel jew tonqos milli tagħmel il-vittma **<u>għax tkun ġiet ingannata</u>**. '[2]

U aktar :

'Fil-liġi tagħna biex ikun hemm truffa jew il-fordi innominata irid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-

[2] 'Il-Pulizija versus Emmanuele Ellul' 20 ta' Ġunju 1997 Appelli Kirminali L-Onor.Vincent DeGaetano

vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenzi qligħ għall-aġent (ara wkoll: Il-Pulzija versus Daniel Frendo App Krim 25/3/94). Dan it-telf ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju għax tkun ingannata, volontarjament tagħti xi ħaġa lill-aġent (Il-Pulizija versus Carmel CAssar Parnis App Krim 12/12/59 Vol XLIII.IV 1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artifizi – dak li fid-dottrina jissejjeaħ 'il-mise en scene' – ikun hemm it-truffa; jekk le, jkun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (Il-Pulizija versus Francesca Caruana App Krim 25/7/53 Vol XXXVII.IV 1127).

Il-gidba sempliċi tkun effettivament tammonta għal qerq.'[3]

Fil-każ odjern l-imputat ippoża ta' bniedem li jista' jsolvi l-problemi kollha billi vvinta li kellu persuni li setgħu jaqduh. Tant dan kollu kien bluff li meta ġie għas-si u n-no, saħansitra fond li kien qrib tax-xhieda ewlenin kein ittieħed minn ħadd ieħor. L-imputat baqa' jittama lill-konjuġi Bugeja u dawn ma tawx it-tielet Lm500 għax ħassew li dan kien wisq.

Il-Qorti qed tiddeċiedi li fil-każ odjern il-mod kif ippoża l-imputat huwa l-mise en scene; din induċiet lill-konjuġi Bugeja fl-ingann; b'konsegwenza ta' dan huma sofrew telf patimonjali.

Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.

## Konklużjoni

[3] 'Il-Pulizija versus Carmela German' 30 ta' Diċembru 2004 Appelli Kriminali STO Prim Imħallef Vincent de Gaetano u ara wkoll 'Il-Pulziija versus George Manicolo fejn ingħad: 'ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kap 9 huwa kompriż u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 tal-istess kodiċi. Dan joħroġ ċar minn interpetazzjoni akurata tal-artikoli 308, 309 u 310 kif ukoll l-iskorta tal-ġurisprudenza in materja.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 121A(2) u 308 tal-Kap 9, qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih waqt li qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat għandu fedina penali nadifa kif ukoll li stqarr kemm-il darba li ried iħallas il-flus lura. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundannah għal seba' xhur priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi sa sena, sakemm matul dan il-perjodu l-imputat ma jwettaqx xi reat ieħor. Il-Qorti spjegat lill-imputat xi jfisser l-artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti wkoll, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 qed tiffissa perjodu ta' sitt xhur sabiex l-imputat iħallas lura lill-konjuġi Bugeja l-elf lira Maltin f' Ewros.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------